# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mallia)**

**Vs**

**Giorgio Borg**

Illum, 12 ta`Marzu, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Giorgio Borg**, erbgha u tmenin (84) sena, iben Emanuele Borg u Maria nee' Bellia mwieled Naxxar fit-tmienja ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u disgha u tletin (08/10/1939) u residenti gewwa 17, 'Waratah', Triq il-Milizzja, Naxxar detentur tal-karta tal-identita' numru 726639 (M) akkuzat tallli nhar is-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) ghall habta ta' bejn 15:00hrs waqt li kont fi Triq is-Seneskalk, Naxxar.

(1) Xhett jew hallejt warajk xi flixkun, landa, kontenitur ta' l-ikel, karta tal-ippakjar tal-ikel, hgieg, frak tal-ikel, jew kull artikolu jew haga ohra f' xi post pubbliku, triq, bahar, jew spazju miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access u / jew dan id-depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat b' ligi
(2) Aktar talli nsulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem lil Olga Leonidovna Cassar
(3) U aktar talli bl-ingieba tieghek ikkagunajt lil Olga Leonidova Cassar biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-

persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha.

Rat l-affidavit ta' PC 2383 Deborah Mifsud ipprezentat mat-tahrika tal-kawza; semghet ix-xhieda ta' Olga Cassar bil-lingwa ingliza fis-seduta tal-8 ta' Mejju, 2024; semghet ix-xhieda tal-imputat Giorgio Borg fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2024;

Rat li l-prosekuzzjoni u d-difiza ghalqu l-provi taghhom fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2024;

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat Skeda 1, partita 4 ta' L.S. 549.40, l-art. 339 (1) (e) u 251B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

**Provi prodotti mill-Prosekuzzjoni**

**Affidavit ta' PC 2383 Deborah Mifsud**. Tiddikjara bil-gurament li nhar is-7 ta' Novembru, 2023 ghal habta ta' 15:20 hra waqt li kienet dettaljata gewwa l-Ghassa tan-Naxxar Olga Leonidovna Cassar irrapportat li ftit tal-hin qabel waqt li kienet qed tipparkja l-karozza taghha fi Triq Senskalk, in-Naxxar innutat persuna maskili fl-istess triq igorr tieqa tal-hadid. Rapportat li dan ir-ragel kien gar taghha, Giorgio Borg, u ratu diehel f' parti mit-triq li hija ghalqa izda tmiss ma triq pubblika, jaqbad martell u jkisser il-hgiega fil-waqt li jhalli l-frak fl-ghalqa.

Tirraporta li hija afftontatu li ma setghax jaghmel dawn l-affarijiet u huwa rispondieha billi insultenatha u anke imbuttaha u gholla l-martell tlett darbiet fl-arja qisu ser jitiha daqqa bih u jimpuntah lejn wicca.

Nhar is-7 ta' Novembru, 2023 irrikorra l-ghassa l-imputat li gie infurmat bir-rapport fil-konfront tiegghu. Gie moghti s-solitu drittijiet legali fosthom li jikkonsulta ma avukat ta' fiducja tieghu u hu ghazel li jirrinunzja ghal dan id-dritt u giet iffirmata dikjarazzjoni.

Hu stqarr li dahal go din l-ghalqa li skont hu hi kollha terrapin, gebel u hmieg sabiex ikisser il-hgiega hemm. Stqarr li l-ghalqa hija miftuha minghajr cint u tmiss mat-triq. Zied jghid li l-kwerelanta ghajtet mieghu. Stqarr li ghalkemm kellu l-martell f' idejgh fl-ebda' hin ma xejjer il-martell fid-direzzjoni taghha jew imbuttaha.

**Olga Leonidovna Cassar** xehdet bil-lingwa Ingliza fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2024. Tixhed li nhar is-7 ta' Novembru, 2023 ghal habta tat-tlieta ta' wara nofs innhar (3:00 pm) rat lil Giorgio Borg diehel go ghalqa b' tieqa ('window frame') u b' martell. Taghraf lil imputat fl-awla. Xehdet li kienet fhemet x' ser jigi ghax skont hi mhux l-ewwel darba li rat lil imputat jaghmel azzjoni bhal din. Tixhed:-

"Qorti: You assumed he was again going to break the window?

Xhud: I knew he was going to break it down, so I started running and I started screaming to stop it. He completely ignored me and he proceeded to break the glass with a hammer. When I approached him, he was still not responding to my calls so I touched him lightly on the hand which was holding the hammer so that he would stop breaking the glass well, then he turned to me and he aggressively started swearing at me he put up the hammer three times as if to hit me with the hammer he pushed me he was swearing loudly and aggressively."

*. . . ommissis . . .*

"He started swearing at me and he told me he will kill me and he told me all of these things. He told me it is not my patch of land so I should mind my own business and not his business. He can do whatever he wants and so on."

Fuq l-ghalqa fejn sar sehh l-incident tirrispondi li din ma hijiex propjeta' taghha u ma tafx ta' min hi.

Mistoqsija mill-Qorti fejn l-imputat kisser il-hgiega tirrispondi:-

> "Qorti: Was he broke it in the property or on the pavement?
>
> Xhud: It is next to the pavement on the patch of land. Next to the pavement."

Ix-xhud tixhed li l-imputat il-hgieg kissru fuq il-haxix.

**Provi prodotti mid-difiza.**

L-imputat **Giorgio Borg** xehed fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2024. Fuq l-incident fost affarijiet ohra jixhed

> "Xhud: Jiena kont miexi rajt dil-farme tat-tieqa zghira daqsekk u haddtha l-garaxx u kif mort il-garaxx rajt nofs hgiega imkissra u ghedt jiena mort minn fejn ġibtha qbadt il-martell u mort nkissirha din il-ħaġa l-kumplament."
>
> *. . . omissis . . . .*
>
> "Xhud: Mhux ha nhalliha kif kienet ridt naghmillha hgiega shiha u nohodha l-ghalqa u harget diiii I know where you live I know where you live u bdiet tkellimni bil-lingwa tagħha bil-lingwa tagħha ma fhimthiex għax mhux mal-Maltija."

Jixhed li kissier il-hgieg in-Naxxar, Triq il-Melizja go l-ghalqa tal-knisja.

Fuq l-allegat insulti jirrispondi li l-parte leza offendietu toffendieh bil-lingwa taghha.

"Qorti: Jekk mhux ma tifhimx il-lingwa tagħna fejn taf li offendietek?

Xhud: Għax bsart minn wiċċha u minn għajnejha għax meta bniedem tkellmu bis-sewwa tħares sewwa lejh imma meta bniedem tkellmu kif mhux suppost"

Mistoqsi in kontro-ezami jirrispondi

"Pros: Kontro Ezami, mela spjega ftit li inti semmejt li bdejtu tilletikaw bejn bejn xulxin?

Xhud: Hi bdiet tghidli u jien nghidilha.

Qorti: Xġhedtilha?

Xhud: Go and get fuck ghedtilha mur lħemm uu ahjar titlaq lhemm."

Jichad li hu hedded li ser joqtolha jew li ghamel ghalieha bil-martell.

"Qorti: Mort ghaliha bil-martell jew xejjirtulha fwiccha?

Xhud: Le il-martell uzajtu biex inkisser il-hgiega biss"

Jixhed li ll-martell kien f' idejgh ghaliex kien qed ikissier il-hgiega. X' hin giet tkellmu kien go l-ghalqa qed ikissier il-hgiega. Hi giet fejnu gewwa l-ghalqa.

Ikkunsidrat

**Dwar l-ewwel imputazzjoni**

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputat dahal go ghalqa privata u hemm hekk li kissier hgiega go 'window frame' b' martell. Ix-xhud Olga Leonidovna Cassar fix-xhieda taghha tikkonferma li l-hgieg tkissier '*on a patch of land next to the pavement*'.

L-imputat huwa akkuzat taht il-L.S. 549.40 "Regolamenti dwar l-abbandun, ir-rimi u t-tnehhija ta' skart fit-Toroq u f' Postijiet jew Zoni Pubblici".

Peress li ma jirrizultax li l-azzjoni tal-imputat saret gewwa triq jew f' post jew zona pubblika l-akkuza ma gietx ipprovata.

**Dwar it-tieni imputazzjoni.**

Fit-tieni imputazzjoni l-imputat huwa akkuzat talli nsultenta, hedded jew ingurja bi kliem jew mod iehor lil Olga Leonindovna Cassar.

Fix-xhieda tieghu tat-8 ta' Mejju, 2024 l-istess imputat ammetta li huwa insultenta u ingurja bi kliemu lil Olga Leonidovna Cassar meta marret twaqqfu milli jkissier il-hgiega fuq il-haxix.

Illi fuq ammissjoni tal-istess imputat fix-xhieda tieghu stess din l-imputazzjoni tirrizulta ipprovata.

**Dwar it-tielet imputazzjoni**

L-imputat huwa akkuzat talli bl-ingieba tieghu ikkaguna lil Olga Leonidova Cassar biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha.

Illi fuq dak li jirrigwarda din l-imputazzjoni, l-Qorti ghandha zewgt verzjonijiet opposti. Minn naha wahda x-xhud Olga Leonidova Cassar qed tghid li meta marret twaqqaf l-imputat gholla l-martell tlett darbiet lejha u imbuttaha, mill-banda l-ohra l-imputat jichad li hu ghamel ghalieha bil-martell jew li xejjer il-martell lejha.

Fl-atti ma hemm ebda' xhud jew prova ohra li tikkolabora l-verzjoni tal-parte leza Olga Leonidova Cassar.

Illi ghaldaqstant stante kunflitt ta' provi l-imputat qed jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi, Skeda 1, partita 4 ta' L.S. 549.40, l-art. 339 (1) (e) u 251B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li qed tillibera lil imputat mill-ewwel u t-tielet imputazzjoni qed issib lil imputat hati tat-tieni imputazzjoni u qed tikkundannah mitt euro multa (100).

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**